**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU ĦAMSA U GĦOXRIN**

**21 ta' Ġunju, 2016**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson is-Sur Pierre Farrugia, il-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Kevin Sam Farrugia u Marylin Sammut.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia preseda l-laqgħa.

**25.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

25.1.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li fir-rigward ta' punt 24.3.2 kienet saret laqgħa mal-kuntrattur inkarigat. Is-servizz tjieb għall-ewwel ġimgħa ta' wara l-laqgħa, imma fil-jiem ta' wara s-servizz reġgħa ġie għal li kien.
Iċ-Chairperson qal li anke l-Kunsillier inkarigat minn dan is-servizz mhux sodisfatt bis-servizz li qed tagħti il-kumpanija Callus Landsacaping.

25.1.2 Fir-rigward ta' punt 24.3.4 iċ-Chairperson Pierre Farrugia nforma li rċieva telefonata fuq il-mobile privat tiegħu, mingħand il-kumpanija JGC Ltd fejn allegat li l-kuntrattur Gokker m'għandux iċ-ċertifikati meħtieġa tal-playing equipment.
Iċ-Chairperson informa li l-kuntrattur Gokker ġie avviċinat permezz ta' email u intalab jipprovdi tali ċertifikat. Dan iċ-ċertifikat ġie pprżentat.

25.1.3 Ġew approvati l-minuti tal-erbgħa u għoxrin seduta ta' din il-

leġislatura.

***25.2 Suġġerimenti u Imenti***

25.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti:

- jsiru refresh tal-linji fi Triq ir-Rettur Dun Salv Farrugia
- jsiru double yellow line ma' garaxx fi Vjal l-Indipendenza.

Kien hemm qbil li jsir ix-xogħol meħtieġ

25.2.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li hemm bżonn ta' patching fi Triq l-Imwieġel. Kien hemm qbil li jsir ix-xogħl meħtieġ.

25.2.3 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri nfurmat li qed isir ipparkjar ħażin fi Triq Kalan Bugeja. Kien hemm qbil li r-rapporti għandhom isiru l-għassa tal-pulizija.

25.2.4 Il-membru Kevin Sam Farrugia staqsa x'sar fuq il-każ tat-trinka li saret fi żmien il-Milied fi Triq Sant Agatha. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi kellha laqgħa mal-iSpettur tal-Pulizija fuq dan il-każ. Kien hemm qbil li terġa tinkiteb email lill-ispettur u tinforma lill-membri biha.

***25.3 Appuntament għas-Seduta li jmiss***

25.3.1 Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:35 u d-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar it-Tlieta 26 ta' Lulju, 2016 fil-17:30.

Konfermati, illum 26 ta' Lulju, 2016

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| Pierre Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |